MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2330/2003

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Munacra Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm87.00c (sebgha u tmenin lira Maltin) dovuta in kwantu ghas-somma ta' Lm79.00c (disgha u sebghin lira Maltin) rapprezentanti bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta u in kwantu ghas-somma ta' Lm8.00c (tmien liri Maltin) bhala imghaxijiet legali dovuti mis-socjeta' konvenuta fuq l-istess sad-data tal-prezentata tal-Avviz tat-talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-talba sad-data tal-effettiv

pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Ra n-Nota ta' Cessjoni tas-sorte pprezentata minn Dr Philip Magri li permezz taghha s-socjeta' attrici cediet is-sorte tal-kawza stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu ghall-ispejjez pprezentat mis-socjeta' attrici;

Billi s-socjeta' konvenuta ma dehritx;

It-Tribunal jilqa' t-talba attrici ghall-ispejjez u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------